# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 31 ta' Jannar 2001**

**Numru 30**

**Citaz. numru 494/83 DS**

Mary Grech

vs

P.L. Joe D'Amato, u b'digriet tas-6 ta' Frar 1984 il-gudizzju gie trasfuz f'isem in-Nutar Mario Damato stante l-mewt tal-P.L. Joe D'Amato fil-mori tal-kawza

Illum, 31 ta' Jannar 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-3 ta' Mejju 1983 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenut kien qieghed jiehu hsieb u jigbor il-kirjiet u dhul derivanti mill-eriditajiet tal-genituri tal-attrici Concetta nee Farrugia u Lawrence Mintoff, li mietu rispettivament fil-15 ta' Lulju 1967 u fit-13 ta' Mejju 1979.

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat baqa' ma tax rendikont ta' dina l-amministrazzjoni tieghu, u meta fil-fatt ta' xi ragualji dawn ma kienux fil-forma u lanqas jikkontjenu l-fatti rikjesti mill-ligi ghall-ghoti ta' rendikont kif previst fl-artikolu 390 tal-Kodici ta' Procedura Civili;

Illi fi kwalsiasi kaz baqa' ma tax rendikont tas-snin 1967 sal-1979;

talbet lil din il-Qorti:

1. prevja d-dikjarazzjoni li l-kont ezibit Dokument A ma hux rendikont kif trid il-ligi;

2. jigi kundannat jghati rendikont shih u fidil tal-gestjoni tieghu fi zmien qasir u perentorju;

3. in difett tigi awtorizzata l-attrici tiffissa l-ammont lilha dovut bil-gurament taghha;

4. tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-spejjez ta' din il-kawza.

Il-konvenut hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi l-eccipjent ta rendikont lill-attrici tad-dhul u hrug tal-kirjiet appartenenti lill-eredita ta' Lawrence Mintoff u ghalhekk jekk qatt tispetta xi azzjoni lill-attrici in konnessjoni ma din l-amministrazzjoni din l-azzjoni hija dik ta' impunazzjoni tar-rendikont u mhux talba ohra biex l-eccipjent jghati rendikont iehor lill-istess amministrazzjoni.

Ghaldaqstant l-azzjoni prezenti kif intavolata mill-attrici ma hijiex sostenibbli skond il-ligi u ghandha tigi michuda bl-ispejjes.

Illi in kwantu ghal amministrazzjoni tal-eredita ta' Concetta Mintoff, l-eccipjent qatt ma kien jamministra din l-eredita' u ghalhekk m'ghandux kont x'jirrendi.

Illi fi kwelunkwe kaz ir-raba talba tal-attrici hija superfluwa u inutili u ghalhekk l-attrici ghandha tigi kkundannata thallas l-ispejjes taghha.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

B'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-26 ta' Novembru 1991, is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-4 ta' Ottubru 1989 giet revokata "ghaliex essenzjalment il-kont sottomess mill-konvenut kien jitlob impunjazzjoni kif difatti saret sussegwentement mill-attrici bin-nota taghha tas-6 ta' Lulju 1984 u ghaliex, fi kwalunkwe kaz, wara l-mewt tal-mandatarju fil-mori tal-kawza, mhuwiex aktar prudenti u sewwa li jintalab kont iehor minghand l-eredi tieghu". Pero` hija rinvijat l-atti quddiem din il-Qorti sabiex "jigi stabbilit preciz jekk (l-attrici) hijiex kreditrici jew le tal-mandatarju u jekk iva, f'liema ammont". Imbaghad kompliet li "(f)ormalment din is-soluzzjoni tal-vertenza timplika li wara dak l-ezercizzju, jekk l-attrici turi li l-impunjazzjoni taghha hija sewwa hija tkun awtorizzata li tikkonferma bil-gurament l-

ammont li jirrizulta lilha dovut, u dik l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, tezawrixxi c-citazzjoni, li similment tigi ezawrita jekk l-ezercizzju msemmi jirrizulta negattiv ghall-attrici".

Ghalhekk din il-Qorti hija issa tenuta biex tiddeciedi dwar it-tielet talba attrici.

Wara li gie rinvijat il-process, b'digriet ta' l-1 ta' Marzu 1993 gie nominat bhala perit komputista Oscar Paris li, pero` ma accettax l-inkarigu tieghu. B'digriet tad-19 ta' Mejju 1995 huwa gie sostitwit bl-istess inkarigu mill-komputista Edwin Bonello li wkoll ma accettax l-inkarigu. Sussegwentement gie sostitwit ghalih Christopher Baldacchino b'digriet ta' l-1 ta' Lulju 1996. L-imsemmi perit komputista halef ir-rapport tieghu fis-26 ta' Frar 1997. Talba ta' Dr. Vincent Falzon ghall-konvenut biex ir-rapport jigi sfilzat giet michuda b'digriet ta' l-10 ta' Gunju 1997. Wara li nghatat l-awtorizzazzjoni mehtiega, gie ntavolat appell minn dak id-digriet, izda bid-decizjoni taghha tat-3 ta' Dicembru 1999 l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkonfermat l-imsemmi digriet u rinvijat mill-gdid l-atti lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghall-kontinwazzjoni.

B'nota tieghu tal-15 ta' Settembru 2000 l-Avukat Mario D'Amato bhala eredi tal-mejjet Prokuratur Legali Joe D'Amato ammetta t-talba attrici fl-ammont ta' Lm3105.94 kif likwidat favur l-attrici mill-perit komputista Chris Baldacchino, salv il-kap ta' l-ispejjez.

L-ezercizzju li, bis-sentenza precitata tas-26 ta' Novembru 1991, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell indikat li kellu jsir effettivament sar permezz ta' l-imsemmi perit komputista li, fir-rapport tieghu, ikkonkluda li l-attrici kienet kreditrici fl-ammont ta' Lm3105.94. Fuq il-bazi ta' tali rapport il-konvenut ammetta t-talba attrici fl-ammont imsemmi. Ghalhekk, in vista ta' tali ammissjoni, it-tielet talba ta' l-attrici tinsab soddisfatta. Dwar il-kwistjoni ta' l-imghaxijiet li tqajmet mid-difensur ta' l-attrici, jigi osservat li l-kawza saret biex jinghata rendikont *sic et simpliciter*. Ghalhekk ma tistax tikkunsidra wkoll il-punt imqajjem dwar minn meta ghandhom jiddekorru l-imghaxijiet.

Dwar l-ispejjez tal-kawza jigi osservat li ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez li saru sas-sentenza precitata tas-26 ta' Novembru 1991, dik l-istess sentenza pprovdiet li l-ispejjez kollha li saru sa dakinhar kellhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Fil-fehma tal-Qorti, l-ispejjez sussegwenti ghandhom jigu sopportati mill-konvenut peress li rrizulta car li r-rendikont li kien originalment inghata lill-attrici kien erroneju. Dwar l-

osservazzjoni tad-difensur tal-konvenut li t-talba ghall-kundanna tal-konvenut biex ihallas l-ispejjez tal-kawza (indikata fic-citazzjoni bhala r-raba' talba) hija talba zejda, il-Qorti tosserva li nonostante li din it-talba giet ukoll enumerata huwa ovvju li ma hi qatt ser tigi ntaxxata bhala talba separata.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi ghall-finijiet tat-tielet talba attrici u fuq l-ammissjoni tal-konvenut tiffissa l-ammont dovut minnu lill-attrici fis-somma ta' Lm3105.94, b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri dwar l-imghaxijiet talvolta dovuti. Bl-ispejjez kollha minn wara s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Novembru 1991 li jithallsu mill-konvenut.

Onor. Imhallef

Dottor David Scicluna

D/Registratur